# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Gimgha 16 ta' Marzu 2001**

**Avviz. numru 1760/98**

**Numru 29**

**Franz Studer Ruegg**

**vs**

**Tony Debono f'ismu personali u f'isem id-ditta Paradise Pools**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenut fil-kwalitajiet tieghu, premessi, jghid il-ghaliex ma ghandux jkun kundannat li jhallas lill-istess attur s-somma ta' erbgha mitt lira (Lm400) dovuta bhala rifuzjoni ta' depositu mhallas akkont ta' bejgh ta' swimming pool equipment liema bejgh ma sehhx.

Bl-ispejjes inkluz dawk ta' l-ittra interpellatorja tas-16 ta' Lulju 1998 u ta' l-ittra ufficjali tas-27 ta' Lulju 1998 u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut li biha eccepixxa:

1. Illi t-talbiet dedotti fl-avviz huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l- bejgh ma sehhx ghall-ragunijiet imputabbli lill-attur u konsegwentement l-ammont mitlub mhux dovut.

2. Illi fit-tieni lok u dan minghajr pregudizzju ghas-suespost l-attur kien inkariga lill-konvenut jixtri l-makkinarju in kwistjoni u kien l-attur stess li nsista mal-konvenut li jzommlu l-makkinarju u ma jbieghu lil hadd u ghalhekk il-konvenut ghandu jigi kumpensat fir-rigward u m'ghandux ibaghti l-ispejjez ta' din il-kawza.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment fol 20 u 21 tal-atti.

Ikkunsidrat

Illi, filwaqt li jidher mill-istess atti illi il-konvenut ma ippresenta ebda prova in sostenn tal-eccezzjonijiet sottomessi minnu l-attur da parti tieghu ippresenta ix-xhieda tieghu bil-procedura ta' "affidavit" li jinsab anness mal-atti a fol 11. Dan spjega, fix-xhieda tieghu, li kien inkariga lill-konvenut sabiex jissuplixxi l-apparat necessarju sabiex tigi kostruwita pixxina fil-propjeta' tieghu fil-limiti tar-Rabat u dan skond kif

risultanti mid-dokument a fol 13 tal-istess atti. Il-konvenut kien talab "deposit" ta' Lm400, liema somma giet imhallsa lill-konvenut mill-attur kif jidher a fol 14 tal-istess atti. Pero', din is-somma, skond kif miftiehem verbalment bejniethom, kellha tintrodd lura mill-konvenut f'kaz li il-permess ghall-bini tal-pixxina kien gie rifjutat mill-Awtorita' tal-Ippjanar. Filfatt tali permess ma kienx inghata mill-istess Awtorita' skond kif jidher a fol 16 u 17 tal-atti. Konsegwentement saret it-talba in esami kif dedotta mill-avviz.

Ikkunsidrat

Illi, kif gja gie premess, il-konvenut ma issottometta ebda prova in konnessjoni ma' dak eccepit minnu fin-nota tal-eccezzjonijiet sottomessa minnu u in sostenn tal-istess eccezzjonijiet.

Illi, ghalhekk, a basi ta' dak premess, jidher li l-imsemmi "deposit" kien gie marbut verbalment mal-hrug tal-premess hawn fuq specifikat u b'hekk hu regolat bl-artikoli relattivi ghal obligazzjonijet soggetti ghal kondizzjoni (artikolu 1052 et seq tal-Kodici Civili).

Ikkunsidrat

Illi fid-dawl tal-provi prodotti sallum ma tarax kif hu applikabbli l-artikolu 1359 tal-istess kodici li jirreferi ghal bejgh b'kapparra.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti tilqa' t-talba attrici u tiddundanna lill-konvenut fil-kwalitajiet tieghu premessi sabiex jhallas lill-attur is-somma ta' Lm400 bl-imghax legali mis-27 ta' Lulju 1998 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tas-16 ta' Lulju 1998 u ta' dik ufficjali tas-27 ta' Lulju 1998.

Alan Calleja
Dep.Reg